**19 ta' Mejju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Philip Petroni *noe*

*versus*

Giovanni Corrieri *et*

**Sentenza – Notifika – Nullità ta'**

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat sentenza ta' l-ewwel Qorti għaliex il-konvenut – attur f'din il-kawża – ma kienx validament notifikat.*

Il-Qorti: –

Rat it-talba quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas lill-attur *nomine* ħamsa u erbgħin lira (Lm45) prezz ta' *'Spin Dryer'* mibjugħa lill-konvenut u rtirata minnu mill-istabbilment tad-ditta attriċi. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Ġunju, 1986, u bl-imgħaxijiet legali sal-ħlas effettiv;

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta mogħtija fil-21 ta' Ottubru, 1986, li biha dik il-Qorti, wara li rat il-kapitoli ta' l-attur u l-atti l-oħra tal-kawża, billi l-konvenut ma deherx fl-udjenza ta' dik in-nhar, qiset l-imsemmija kapitoli bħala mistqarra mill-konvenut u laqgħet it-talba attriċi bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-appell ta' Daphne Corrieri *nomine*

ppreżentata fit-23 ta' Ottubru, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess Daphnie Corrieri għan-nom u in rappresentanza ta' l-assenti Giovanni Corrieri ppreżentata fid-29 ta' Ottubru, 1986, li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tannulla s-sentenza fuq imsemmija mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 1986 u b'hekk tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur Philip Petroni fil-kwalità tiegħu premessa ppreżentata fit-12 ta' Novembru, 1986;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Hija llum ormai ġurisprudenza paċifika li meta s-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Ewwel Grad tkun ibbażata fuq il-konfessjoni preżunta tal-materja kapitolata, derivata mill-kontumaċja għas-subizzjoni, jeħtieġ li qabel xejn, sabiex ikun hemm editu għall-appell, li jiġi rimoss l-ostakolu li għal dak l-appell tikkostitwixxi dik il-konfessjoni preżunta u dana billi tiġi ġustifikata l-kontumaċja. (Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, Salvatore Scerri *vs* Rosaria Mercieca, 30 ta' Ġunju, 1962, Kollez. Deċ. Vol. XLVI.I.543);

Fil-każ preżenti l-appellanti *nomine,* kif jidher mill-petizzjoni ta' l-appell tagħha u mis-sottomissjonijiet magħmula

mid-difensur tagħha, qiegħda tattakka iktar fil-fond l-imsemmi ostakolu billi qiegħda ssostni li ma hemmx il-konfessjoni preżunta *inter alia stante* li l-kawża kienet oriġinarjament appuntata għas-smigħ għas-26 ta' Awissu, 1986 fl-Awla G u l-konvenut kien ġie debitament notifikat b'din id-data iżda dik in-nhar la twaħħlet il-lista barra l-Awla u lanqas ma ngħata differiment u fil-fatt fil-proċess ma hemm l-ebda verbal ta' tali differiment;

Ikkunsidrat:

Fid-deposizzjoni tiegħu Anthony Jones, li dik in-nhar li ngħatat is-sentenza appellata kien id-deputat reġistratur ta' l-ewwel Qorti, xehed quddiem din il-Qorti u qal *inter alia* kwantu għas-seduta tas-26 ta' Awissu, 1986 li dik inhar ma kienx hemm seduta ffissata mill-Maġistrat u għalhekk huwa ma kien lesta ebda lista. Ix-xhud qal ukoll li l-proċedura hija li meta jiġi pprezentat l-avviż fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati, l-iskrivan jagħti lil min jippreżenta l-avviż id-data ta' l-ewwel dehra. Skond l-istess xhud, hu jaħseb li ġara f'dan il-każ kien li ngħatat f'din il-kawża d-data mill-iskrivan tar-Reġistru. L-iskrivan ta d-data lill-Maġistrat biex f'dik id-data tiġi ffissata seduta. Mil-*libro liste* jirriżulta li s-seduta tas-26 ta' Awissu, 1986, ġiet differita għall-21 ta' Ottubru, 1986. L-istess xhud ikompli jinforma lill-partijiet bid-differiment iżda ma jafx jekk l-iskrivan informax lill-partijiet;

Minn eżami tal-proċess imbagħad jidher li l-konvenut fit-8 ta' Awissu, 1986, ġie nnotifikat bl-avviż, iffirmat mir-Reġistratur fit-28 ta' Lulju, 1986, li l-kawża kienet għas-26 ta' Awissu, 1986. L-ewwel verbal fl-atti tal-proċess però huwa dak tal-21 ta' Ottubru, 1986, meta ġew ippreżentata l-kapitoli mill-attur u l-kawża ġiet deċiża. Ma hemm xejn fil-proċess li juri kif il-kawża ġiet iddiferita mis-26 ta' Awissu, 1986 (data li għaliha kien ġie

nnotifikat il-konvenut) għall-21 ta' Ottubru, 1986;

Huwa evidenti minn dak li ntqal fuq li l-kawża ma setgħetx tinstema' fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 1986. Infatti l-konvenut kien ġie nnotifikat għas-seduta tas-26 ta' Awissu, 1986, iżda dik in-nhar lanqas biss twaħħlet lista tal-kawża billi fil-fatt ma kienx hemm seduta ffissata għal dik in-nhar. Għalhekk dak in-nhar il-kawża preżenti ma setgħetx tiġi (u fil-fatt ma ġietx) differita permezz ta' avviż fuq il-bord ħdejn il-bieb ta' l-Awla kif jiġri f'każ ta' kawżi li ma jiġux differiti *seduta stante;*

Jidher li l-kawża kienet fil-fatt appuntata mill-ewwel Qorti għall-21 ta' Ottubru, 1986, iżda l-konvenut ma kienx ġie nnotifikat b'din id-data u anzi kien ġie nnotifikat erronjament bid-data tas-26 ta' Awissu, 1986. Wara li l-kawża kienet ġiet appuntata mill-Qorti, il-konvenut kien imissu ġie nnotifikat skond il-liġi bid-data korretta tal-21 ta' Ottubru, 1986, iżda ma rriżultax mill-proċess li qatt saret din in-notifika. Fin-nuqqas ta' din in-notifika l-kawża ma setgħetx issir fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 1986;

Isegwi li jekk il-kawża ma setgħetx issir dik in-nhar, lanqas ma setgħu jiġu ppreżentati l-kapitoli. Il-kapitoli huma nulli billi ppreżentati nullament u l-konvenut ma jistax jiġi ritenut li kien kontumaċi u li hemm il-konfessjoni preżunta tiegħu. Isegwi għalhekk li s-sentenza appellata hija nulla billi bbażata fuq l-imsemmija proċedura nulla;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tista', wara li tiddikjara li ma hemmx l-ostakolu tal-konfessjoni preżunta, tgħaddi biex tisma' hija stess il-provi

u tiddeċidi l-kawża. Iżda din il-Qorti sejra tadotta proċedura diversa segwita minnha fil-kawża "Ellul *utrinque*", 30 ta' Marzu, 1949 (Kollex. Deċ. Vol. XXXIII.I.832) u fil-kawża "Carmela Spiteri *nomine vs* Carmela Gaffarena, 15 ta' Settembru, 1962 (Kollez. Deċ. XLVI.I.546) billi huwa desiderabbli li jkun hemm il-benefiċċju tad-*doppio esame* fil-mertu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddċidi billi tiddikjara li ma hemmx għal dan l-appell l-ostakolu tal-konfessjoni preżunta u billi tiddikjara li s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati fil-21 ta' Ottubru, 1986 hija irrita u nulla u tibgħat lura l-atti tal-proċess lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi. L-ispejjeż ta' dan l-appell kif ukoll dawk ta' l-ewwel istanza, *in vista* taċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jiġu ssopportati bin-nofs mill-partijiet.